MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 48/2008/1

**David *sive* David Norbert Schembri**
**v.**
**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tar-rikorrent David Schembri minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, fil-15 ta' Jannar 2009 li ddecidiet li r-rikorrent kellu rimedju taht il-ligi ordinarja u

ghalhekk ghazlet li ma tinqediex bis-setghat taghha taht il-Kap 319. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* is-sentenza appellata kif jidher hawn taht:
"F'din il-kawza David *sive* David Norbert Schembri ["ir-rikorrent"] qieghed b'rikors tat-8 ta' Ottubru 2008 jitlob rimedju ghax qieghed ighid illi nkiser il-jedd tieghu ghal smigh xieraq imhares taht l-art. 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] meta nghatat sentenza dwar "allegazzjoni ta' ġenn" fil-proċeduri kriminali kontra tieghu fl-ismijiet Repubblika ta' Malta *versus* David *sive* David Norbert Schembri mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru 2008. L-Avukat Ġenerali ["l-intimat"] ressaq l-eċċezzjoni fost ohrajn illi l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent ghadhom ghaddejjin, u ghalhekk din il-qorti ma ghandhiex tinqeda bis-setghat taghha taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] ghax ir-rikorrent ghad jista' jinqeda b'rimedji ordinarji.

"Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eċċezzjoni ta' l-intimat.

"Il-fatti relevanti li wasslu ghal din il-kawza tallum sehhew hekk:

"B'att ta' akkuza ipprezentat fis-17 ta' Frar 2006 ir-rikorrent kien mixli b'omiċidju doluz u talli ġarr arma tan-nar minghajr il-liċenza ta' l-awtorità kompetenti. Fil-15 ta' Marzu 2006 ir-rikorrent ressaq din l-eċċezzjoni, fost ohrajn:

"… … … li huwa ghandu jitqies ezenti minn responsabbiltà kriminali *stante* illi fil-waqt ta' l-att kien fi stat ta' ġenn fit-termini tal-liġi u ghalhekk ukoll dana jammonta ghal fatt illi minhabba fih il-kawza m'ghandhiex titmexxa 'l quddiem.

"L-intimat ikkontesta din l-allegazzjoni u ghalhekk b'dikriet tat-30 t'Ottubru 2006 il-Qorti Kriminali hatret tliet periti

psikjatri biex “jirrelataw jekk fil-fehma taghhom l-akkuzat [ir-rikorrent] kienx fi stat ta’ ġenn skont il-liġi fil-mument tal-kommissjoni ta’ l-allegat delitt”. Il-periti psikjatri irrelataw fit-12 ta’ Marzu 2007 u qalu illi r-rikorrent ma kienx fi stat ta’ ġenn kif tifhem il-liġi fil-waqt relevanti. Billi, izda, ir-rikorrent baqa’ jtenni l-allegazzjoni ta’ ġenn, fid-19 ta’ Ġunju 2007 inhatar ġuri biex din l-allegazzjoni tiġi maqtugha kif ighid u jrid l-art. 620 tal-Kodiċi Kriminali [“Kap. 9”]. B’verdett moghti fl-20 ta’ Ġunju 2007 il-ġurija sabet illi r-rikorrent ma kienx fi stat ta’ ġenn. Il-Qorti Kriminali ghalhekk, b’sentenza moghtija dakinhar stess, wara li qalet illi r-rikorrent ma kienx fi stat ta’ ġenn fiz-zmien relevanti, ordnat illi jitkomplew il-proċeduri kontra tieghu.

“Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza izda l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali b’sentenza moghtija fil-25 ta’ Settembru 2008 ċahdet l-appell, wettqet is-sentenza tal-Qorti Kriminali u ordnat illi jitkomplew il-proċeduri quddiem dik il-qorti.

“Ir-rikorrent, fir-rikors tieghu tat-8 t’Ottubru 2008 li bih inbdew il-proċeduri quddiem din il-qorti, ighid illi bis-sentenza tal-25 ta’ Settembru 2008 il-kwistjoni dwar l-allegazzjoni ta’ ġenn “ġiet definitivament maqtugha … … … u ghalhekk huma ezawriti r-rimedji ordinarji kollha”. Fin-nota tieghu tas-16 ta’ Diċembru 2008 kompla jghid illi:

“… … … meta titqajjem l-eċċezzjoni tad-demenza fil-proċess penali, din tiġi deċiza mhux flimkien mal-mertu imma bhala kwestjoni li tiġi rimessa ghall-verdett tal-ġurati. F’dan il-kaz mhux kontestat li l-kwestjoni tqajmet, u ġiet deċiza mill-ġurati, u wara kien hemm appell li ġie deċiz ukoll. Il-kwestjoni ma tistax terġa’ titqajjem fi proċeduri kriminali. Ghalhekk fl-istadju li jmiss tal-ġuri fil-mertu ma hemm l-ebda rimedju ordinarju x’wiehed jista’ juza.
Imbaghad isemmi s-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem [“il-Qorti Ewropeja”] fil-kaz ta’ Kadem *versus* Malta[1].

---

[1] Rikors numru 55263/00, maqtugħ fid-9 ta’ Jannar 2003.

"L-intimat, min-naħa l-oħra, igħid illi l-proċedura dwar l-allegazzjoni ta' ġenn "hija l-ewwel parti minn proċedura aktar wiesgħa li t-tieni stadju tagħha – u *cioè* dak tal-ġuri li għandu jgħaddi r-rikorrent għall-allegat reat – għadu ma sarx".

"Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li taħthom ir-rikorrent qiegħed jitlob rimedju huma dawk ta' l-art. 6(1) u (2) li fil-partijiet relevanti jgħidu hekk:

ARTIKOLU 6

"(1) Fid-deċizjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. … … …

"(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.

L-eċċezzjoni ta' l-intimat hija mibnija fuq il-*proviso* għall-art. 4(2) tal-Kap. 319:

"**4.** (2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

"Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.

"Il-qorti tifhem illi l-ħarsien taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni huwa mogħti lil min għandha tingħatalu deċizjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi ċivili tiegħu jew – dak li hu relevanti għall-każ tallum – dwar akkuża kriminali miġjuba kontra tiegħu. Fil-każ tallum għadha ma ngħatat ebda deċizjoni

dwar drittijiet u obbligi ċivili tar-rikorrent jew dwar l-akkuza kriminali li nġiebet kontrieh. Id-deċizjoni li nghatat hija biss dwar jekk ghandhiex jew le titmexxa 'l quddiem il-kawza dwar l-akkuza kriminali. Ghalkemm inghatat deċizjoni, li hija wkoll finali, illi l-kawza kriminali kontra r-rikorrent ghandha titmexxa 'l quddiem, dan huwa biss episodju fil-proċess li ghandu jwassal ghad-deċizjoni dwar l-akkuza.

"Sabiex tara jekk il-proċess tad-deċizjoni dwar l-akkuza kriminali kisirx il-jeddijiet tar-rikorrent imharsa taht l-art. 6 tal-Konvenzjoni, il-qorti trid tqis il-proċess kollu, u mhux episodju wiehed mehud wahdu. Ghalkemm dwar id-deċizjoni fuq jekk ir-rikorrent ghandux jiġi msejjah biex iwieġeb ghall-akkuza ma hemmx rimedju ordinarju iehor, ghax dik id-deċizjoni hija finali, dwar id-deċizjoni fuq l-akkuza nfisha il-proċess ordinarju ghadu ghaddej, u ghalhekk ir-rikorrent ghadu jista' jinqeda bir-rimedji li taghtih il-liġi ordinarja. Dan huwa relevanti ghax il-jedd imhares taht l-art. 6 huwa dwar id-deċizjoni fuq l-akkuza kriminali, u mhux dwar id-deċizjoni fuq jekk ir-rikorrent ghandux jiġi msejjah biex iwieġeb ghall-akkuza.

"Lanqas ma hija relevanti s-sentenza fil-kaz ta' Kadem, li fuqha qieghed jistrieh ir-rikorrent. F'dak il-kaz, li kien dwar l-art. 5, mhux l-art. 6, tal-Konvenzjoni, Kadem kien fittex rimedju kontra l-arrest tieghu waqt li kienu ghaddejjin proċeduri ghall-estradizzjoni tieghu. Il-Qorti Ewropeja kienet sabet illi Kadem ma kellux jistenna li jintemmu l-proċeduri ta' l-estradizzjoni qabel ma jfittex rimedju kontra l-arrest tieghu. F'dak il-kaz, izda, ir-rimedju li kien qieghed ifittex Kadem kien kontra l-arrest innifsu, mhux kontra l-estradizzjoni, u, billi f'dak il-waqt kien mizmum b'arrest, kienet mehtieġa deċizjoni dwar il-legalità ta' l-arrest ghax, jekk l-arrest kien illegali, kien iġarrab ksur tal-jedd fondamentali jkun xi jkun l-ezitu finali tal-proċeduri ghall-estradizzjoni.

"Fil-kaz tallum ma hux hekk ghax id-deċizjoni illi l-kawza kriminali kontra r-rikorrent ghandha titmexxa 'l quddiem, fiha nfisha u wehedha, ma tolqot ebda jedd fondamentali

mhares taht l-artikolu tal-Konvenzjoni li fuqu qieghed jistrieh ir-rikorrent.
Billi ghalhekk hija tal-fehma illi r-rikorrent ghandu mezzi xierqa ta' rimedju taht il-liġi ordinarja, il-qorti taghzel illi ma tinqediex bis-setghat taghha taht il-Kap. 319.

"L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandu jhallashom ir-rikorrent."

**<u>Rikors tal-appell tar-rikorrent</u>**

Ir-rikorrent hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-ewwel Qorti u interpona appell minnha b'rikors prezentat fis-26 ta' Jannar 2009.

In succinct l-aggravji huma s-segwenti:

1. L-appellant ma jaqbilx ma' l-ewwel Qorti li, billi l-process kriminali ghadu mhux mitmum, allura ma jistax jinghata rimedju bikri. Isostni li l-ghoti ta' rimedju jista' jkun anticipat fil-kaz fejn se jinkiser dritt. Illum hu diga` beda jiskonta l-piena billi l-guri nqata' u qed jistenna l-appell minnu.

2. Fil-kaz tal-gurin li sar, diga hemm decizjoni finali, anke mill-Qorti ta' Appell Kriminali u ghalhekk il-guri fil-mertu u l-appell minnu ma jistghux jaghtuh ebda rimedju. Kieku l-eccezzjoni tad-demenzja kellha tintlaqa' hu ma jkunx issoggettat ghal guri fil-mertu.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tichad l-eccezzjoni tal-appellat u konsegwentement tibghat l-atti lura quddiem il-Prim' Awla ghall-kontinwazzjoni bis-smiegh fil-mertu.

**<u>Risposta tal-intimat appellat.</u>**

L-intimat appellat jikkontendi li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellant. Huwa jsostni li f'dan l-appell ir-rikorrent qed jipprova jattakka l-

uzu tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti li ghazlet li ma tkomplix tisma’ l-kaz billi hu kellu rimedju ordinarju.

L-appellat isostni li l-proceduri fil-konfront tal-appellant ghadhom mhux konkjuzi billi huwa appella mill-verdett tal-guri fil-mertu. Il-procedura tal-gurin hija biss wahda mill-istadji tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-appellant u ghandha titqies bhala parti integrali mill-proceduri li jigu kkonsmati hekk kif tinghata d-decizjoni finali mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta uzat id-diskrezzjoni taghha li ma tkomplix tisma’ l-kaz.

**Fatti**

Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, din il-Qorti thoss li jkun qabel xejn opportun li taghti fil-qosor il-kronologija tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Fis-17 ta’ Frar 2006 ir-rikorrent gie mixli b’omicidju doluz u li garr arma tan-nar minghajr il-licenza tal-Kummisarju tal-Pulizija.

Fit-12 ta’ Marzu 2007 tliet periti psikjatri rrelataw li r-rikorrent ma kienx fi stat ta’ genn fil-hin tal-kommissjoni tad-delitt.

B’verdett moghti f’gurin fl-20 ta’ Gunju 2007 il-gurija sabet illi r-rikorrent ma kienx fi stat ta’ genn.

Ir-rikorrent jappella u b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fil-25 ta’ Settembru 2008 l-appell gie michud u l-Qorti ordnat illi jitkomplew il-proceduri kontra r-rikorrent.

Fil-15 ta’ Jannar 2009 il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) iddecidiet li r-rikorrent kellu rimedju taht il-ligi ordinarja, u ghalhekk ghazlet illi ma tinqedix bis-setghat moghtija lilha taht il-Kap. 319.

Fit-22 ta' Jannar 2009 gie deciz il-guri fil-mertu u r-rikorrent gie kkundannat ghomru l-habs. L-appell minn dan il-verdett ghadu pendenti.

Fis- 26 ta' Jannar 2009 gie prezentat dan l-appell.

**Sottomissjoni tar-rikorrent**

Illi l-argument ewlieni tar-rikorrent quddiem il-Prim' Awla u quddiem din il-Qorti hu li bis-sentenza tal-25 ta' Settembru 2008 il-kwistjoni dwar l-allegazzjoni ta' genn "giet definittivament maqtugha … … … u ghalhekk huma ezawriti r-rimedji ordinarji kollha" f'dan ir-rigward. Hu jikkontendi li din il-kwistjoni issa ma tistax terga' titqajjem fil-proceduri kriminali fil-guri fil-mertu u lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali billi l-kwistjoni hija finali u ghalhekk dik il-Qorti ma tista' taghti ebda rimedju.

**Sottomissjoniji tal-intimat**

Min-naha l-ohra l-intimat jinsisti li l-procedura dwar l-allegazzjoni ta' genn hija biss l-ewwel parti minn procedura aktar wiesgha cioè dik tal-guri dwar l-allegat reat u l-appell minn dan il-guri ghadu pendenti.

**Decizjoni l-ewwel Qorti**

L-ewwel Qorti, sede kostituzzjonali, iddecidiet li hi "kellha tqis il-process kollu, u mhux episodju wiehed mehud wahdu. Ghalkemm dwar id-decizjoni fuq jekk ir-rikorrent ghandux jigi msejjah biex iwiegeb ghall-akkuza ma hemmx rimedju ordinarju iehor, ghax dik id-decizjoni hija finali, dwar id-decizjoni fuq l-akkuza nfisha il-process ordinarju ghadu ghaddej, u ghalhekk ir-rikorrent ghadu jista' jinqeda bir-rimedji li taghtih il-ligi ordinarja. Dan huwa relevanti ghax il-jedd imhares taht l-Artikolu 6 huwa dwar id-decizjoni fuq l-akkuza kriminali, u mhux dwar id-decizjoni fuq jekk ir-rikorrent ghandux jigi msejjah biex iwiegeb ghall-akkuza. Fil-kaz tallum id-decizjoni illi l-kawza kriminali kontra r-rikorrent ghandha titmexxa 'l quddiem, fiha nfisha u wehedha, ma tolqot ebda jedd

fondamentali mhares taht l-artikolu tal-Konvenzjoni li fuqu qieghed jistrieh ir-rikorrent".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi l-appellant ma jaqbilx ma' l-ewwel Qorti fejn din qalet li hi "kellha tqis il-process kollu, u mhux episodju wiehed mehud wahdu". Hu jsostni li l-ghoti ta' rimedju jista' jigi anticipat jekk ikun se jinkiser dritt.

Fis-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz fl-ismijiet **Imbroscia v. Switzerland** jinghad li**:**
*'The manner in which article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case.'* App.No: 1397/88 – 4/11/1993

Kif tikteb **Karen Reid** fil-ktieb **"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights",** 3rd Edition page 70 "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall".

Illi fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti accettat li f'dan il-kaz **ma hemmx rimedju ordinarju iehor dwar id-decizjoni jekk ir-rikorrent ghandux jigi msejjah biex iwiegeb ghall-akkuza, billi dik id-decizjoni issa hija finali**. Izda l-Qorti imbaghad iddistingwiet bejn il-jedd kif imhares taht l-Artikolu 6 dwar decizjoni fuq akkuza kriminali, u decizjoni jekk ir-rikorrent ghandux jigi msejjah biex iwiegeb ghall-akkuza. Il-Qorti ddecidiet li fuq l-akkuza nfisha, 'il-*criminal charge'*, ir-rikorrent qaghad ghandu rimedju taht il-ligi ordinarja.

Illi skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni :

(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu **jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu,** kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli **minn tribunal indipendenti u imparzjali** mwaqqaf b'ligi. … … …

Bhala punt preliminari jigi precizat li proprjament skont il-Qorti ta' Strasbourg, "the requirements of impartiality and independence enshrined in Article 6 of the Convention only refer to the "tribunal" called upon to determine the criminal charges against the accused and do not apply to the prosecuting authorities (see *Forcellini v. San Marino* (Dec.) no. 34657/97, 28 May 2002, *Priebke v. Italy* (Dec.), no. 48799/99, 5 April 2001, and *De Lorenzo v. Italy* (Dec.), no. 69264/01, 12 February 2004) **or to experts.**

Illi skont Karen Reid[2], minn 'criminal charge' huma eskluzi: (1) proceedings ancillary or associated with criminal proceedings which are not decisive for the determination of the criminal charge, u (2) proceedings under s.4A of the Criminal Procedure (Insanity) Act 1964 where the applicant has been found unfit to plead and the procedure, aimed at establishing the facts, cannot result in a conviction.

Dwar din l-ahhar eskluzzjoni kien hemm il-kaz ta' **Antoine v. UK** [2003]. L-ilment f'dak il-kaz kien li, meta l-applikant gie dikjarat "unfit to plead", taht l-Artikolu 6 §§ 1 and 3(d) tal-Konvenzjoni "he was unable to participate effectively in the section 4A hearing or to confront the witnesses against him". Fil-proceduri taht l-Artikolu 4A tal-Criminal Procedure (Insanity) Act 1964, jigi determinat biss jekk akkuzat ikunx ikkommetta l-att biss u xejn aktar, u jista' jigi liberat jekk ma jkunx ikkommetta l-att, u tinghata 'hospital order' jekk ikun ikkommetta l-att imma ma kienx 'fit to plead'. Il-Qorti ta' Strasbourg iddecidiet li billi "applicant was not under any threat of conviction, (ghax kien 'unfit to plead') **Section 4A proceedings did not involve the determination of a criminal charge** and therefore the

[2] Ibid p. 76/77.

question as to whether it was compatible with Article 6 § 1 of the Convention … does not arise”.

Illi l-procedura taht l-Artikolu 4A tal-Ligi Ingliza fuq imsemmija, li fiha tigi determinata biss kwistjoni ta’ fatt fiha hafna somiljanzi mal-gurin li jsir skont l-Artikolu 620(1) tal-Kodici Kriminali taghna fejn ukoll tigi determinata biss il-kwistjoni dwar allegazzjoni ta’ genn jew <u>ta’ kull fatt iehor</u>.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-gurin ghandu jigi kkunsidrat bhala “proceedings ancillary or associated with criminal proceedings which are not decisive for the determination of the criminal charge”. L-Artikolu 620 (1) tal-Kap 9 in fatti jipprovdi li “Kull allegazzjoni ta’ genn, jew ta’ kull fatt iehor li, minhabba fih, jekk il-fatt ikun veru, l-akkuzat m’ghandux, sew ghal dak il-waqt kemm f’kull zmien ’il quddiem, jigi msejjah biex iwiegeb ghall-akkuza, jew jghaddi guri, jew jiskonta l-piena, ghandha qabel xejn tigi maqtugha minn guri”.

Din il-Qorti taqbel ma’ l-ewwel Qorti li fil-kaz tallum id-decizjoni li r-rikorrent ghandu jwiegeb ghall-akkuzi fiha nfisha u wahedha, ma tolqot ebda jedd fondamentali mhares taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li fuqu huwa qieghed jistrieh. L-iskop tal-gurin mhux biex isir il-guri fil-mertu dwar l-akkuza ta’ omicidju volontarju. Il-gurin jiddeciedi biss jekk akkuzat jistax iwiegeb ghall-akkuza u ma jistax isibu hati tal-akkuza jew li johorgu verdett ta’ htija. Lanqas ma jista’ jinfliggi piena. L-iskop tal-gurin ghalhekk mhux biex jigi deciz jekk l-akkuzat ikkomettiex ir-reat jew le imma biex jiddeciedi dwar l-allegazzjoni ta’ genn. Fil-guri proprju, fil-mertu dwar l-omicidju volontarji r-rikorrent ikollu s-salvagwardji kollha taht l-Artikolu 6 ta’ Konvenzjoni.

Ghal kull buon fini jigi rilevat li fil-gurin l-appellant kellu wkoll il-garanzija ta’ proceduri gusti. Hu kien prezenti meta sar il-guri, kien assistit minn avukat ta’ fiducja tieghu, u ma kienx impedut milli jressaq il-provi tieghu.

L-appellant pero` jkompli jishaq li l-kwistjoni fondamentali hija li jekk hu nstab hazin li kien mentalment kapaci di

intendere e di volere, allura huwa lanqas ghandu jigi sottomess ghall-perikolu ta' gudizzju tal-gurati fil-mertu.

Din l-prova pero` l-appellant m'ghamilhiex. Fil-kaz ta' Antoine, l-applikant kien qajjem punt simili ghal dak sollevat mill-appellant fil-kaz odjern, fis-sens li "the possibility of an acquittal (fil-kaz odjern kieku saret dikjarazzjoni li kien insan) brought the proceedings within the scope of Article 6 since, to that extent, a final decision could be taken regarding a criminal charge, izda il-Qorti ta' Strasbourg iddecidiet li "The Court is not persuaded however that this renders the proceedings criminal for the purposes of Article 6(1). The lack of a possibility of a conviction and the absence of any punitive sanctions are more decisive."

Finalment din il-Qorti tirrileva li l-appellant ma kienx ikkontesta n-nomina tal-esperti nominati fil-proceduri kriminali. Dawn l-esperti jissemmew biss *en passant* quddiem l-ewwel Qorti f'rikors tal-14 ta' Novembru 2008 a fol. 17 fejn jissemmew "ragunijiet imputabbili lill-esperti nominati" imma mill-bqija dan l-ilment ma jissemma' mkien aktar lanqas fir-rikors tal-appell tieghu lanqas fl-aggravji. Fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti mbaghad id-difensur tal-appellant qajjem diversi lanjanzi fil-konfront ta' dawn l-esperti li qatt ma kienu tqajmu qabel. Din il-Qorti pero` bhala qorti ta' revizjoni hija prekluza milli tindaga dwar, u tindirizza, elementi godda li ma jirrizultawx fil-prima istanza u li konsegwentement ma hemm ebda decizjoni dwarhom. Dan mhux biss inkwantu tali ndagini tkun tinnecessita is-smigh ta' provi godda fuq kwistjoni gdida sollevata biss waqt it-trattazzjoni tal-appell, liema provi ma jirrizultawx fil-process, izda wkoll billi b'kull decizjoni f'dan l-istadju fuq materja jigi lez id-dritt tal-partijiet ghad-doppio esame.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, spejjez tal-appell ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------